**FIL-QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)**
**BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI**

**MAGISTRAT DR MIRIAM HAYMAN LL. D.**

**Kumpilazzjoni 438/01**

**Il-Pulizija**
**(Sp. Mario Tonna)**

**vs**

**Jason Caruana ta' 27 sena, iben Joseph u Jane nee Vella, mwieled Pieta' fis-17 ta' Jannar, 1974, u residenti 102, Flat 10, Triq San Duminku, l-Belt Valletta, detentur tal-karta ta' l-identita' numru 77974 (M).**

**Illum 28 ta' Mejju, 2002.**

Il-Qorti,

Rat l-akkuza kontra l-hawn fuq imsemmi Jason Caruana li gie akkuzat talli fil-lejl ta' bejn is-26 ta' Lulju, 2001 u s-27 ta' Lulju, 2001 fil-Belt Valletta fi Triq San Gwann mill-post maghruf bhala "Swish Clothing Shop" bejn 0.00 a.m. u 2.00 a.m., ikkommetta serq ta' flus u hwejjeg ghad-dannu ta' Margaret Briffa, ta' aktar minn mitt lira Maltin izda mhux aktar minn elf lira Maltin, liema serq huwa aggravat bil-mezz, bil-valur, u bil-hin 261, 263, 267, 270, u 279 (b) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

U aktar talli fl-istess lok, data u hin, volontarjament hassar jew gharraq hwejjeg haddiehor, mobbli jew immobbli ghad-dannu ta' l-istess

Margaret Briffa, liema hsara ma teccedi l-hames mitt lira Maltin, imma ma teccedix l-elf lira Maltin u dan bi ksur tal-artikolu 325 (a) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Il-Qorti giet gentilment mitluba tittratta ma' l-imputat Jason Caruana bhala recidiv, u dan talli nhar il-15 ta' Dicembru, 1994 gie misjub hati ta' serq aggravat mill-Qorti tal-Magistrati ta' Malta, f'Awla 1, u aktar talli nhar il-31 ta' Awissu, 1999 instab hati ta' serq aggravat u hsara volontarja mill-Qorti tal-Magistrati ta' Malta preseduta mill-Magistrat Dr T. Micallef Trigona LL. D. liema sentenzi saru definittivi.

Rat il-kunsens ta' l-Avukat Generali ghal proceduri sommarji (a fol 14).

Rat li l-akkuzat ma kellu ebda oggezzjoni ghal tali proceduri u li hu wiegeb li mhux hati ghal akkuzi kif dedotti kontra tieghu.

Fl-ewwel lok rat illi fis-seduta tas-7 ta' Awissu, 2001 id-difiza ezentat lill-Ufficjal Prosekutur milli jtella' prova ta' l-identita' tar-recidiva, rat ukoll f'dan il-konfront id-dokumenti esebiti a fol 69-75, Dok MT1 u Dok MT2.

Semghet ix-xhieda ta' l-Ufficjali tal-Pulizija nvoluta fl-apprendiment ta' l-akkuzat.

PS 1338 Noel Apap xehed in succint li hu meta wasal fuq il-post tar-reat, cioe Swish Shop, sab lill-imputat mizmum fl-art mill-Pulizija. Qal li telghu l-ghassa l-Belt u saqsih ghaliex kellu l-flokk mimli bid-demm, wiegbu li kien wegga' widnejh u li kien sejjer il-Polyclinic. Zied li l-

akkuzat qatt ma qallu li kien mighugh b'widnejh, qallu biss li d-demm kien hariglu minn widnejh.

Xehed PC 618 Charles Vella li qal li wara li hu u siehbu kienu Patrol hdejn il-Monte di Pieta' u semghu hoss ta' hgieg jinkiser, ghamlu tfittxija u sabu fi pjazza San Gwann, li l-hanut ta' Swish kellu hgieg miksur. Minn go dan il-fond hareg l-akkuzat Jason Caruana, zelaq fuq il-hgieg u harab. In kontroezami xehed li bejn iz-zmien li semghu il-hoss tal-hgieg jinkiser sal-hin li waslu hdejn il-hanut Swish ghaddew l-aktar minuta u nofs. Qal ukoll li f'idu ma kellu xejn bhala hwejjeg hlief it-T-Shirt tieghu stess.

PC 1357 Stephen Cassar, qal li waqt li kien night watch hdejn il-Monte di Pieta, qed jitkellem ma' shabu tal-patrol, semghu hoss ta' hgieg jinkiser. Tal-Patrol telqu biex jinvestigaw u semgha lil Ferriggi jghajjat "ieqaf ieqaf" (a fol 63). Mar fuq il-post u shabu nfurmawh li "kien hawn Caruana l-killer)" (fol 64). Qal li qabdu aktar tard f'Old Mint Street. Xehed li l-akkuzat qallu kif rah "immanettjani sir" ( a fol 64).

PC 919 Joseph Ferriggi xehed li waqt li kien qed jitkellem ma' kuntistabbli iehor, sema' hoss gej min-naha ta' San Gwann. Flimkien ma' kollega tieghu, accedew hdejn il-hanut Swish, hemm sabu hafna hgieg imkisser ma' l-art. Gewwa fil-hanut ra lill-akkuzat Jason li telaq jigri, zelaq fuq il-hgieg, qam u harab.

L-imputat irrilaxxa stqarrija (a fol 11) fejn qal li hu kien sejjer il-Clinic minhabba li kien qed johroglu d-demm minn widnejh bejn 0.00 a.m. u 1.00 p.m. Ra zewg irgiel jigru hdejn San Gwann bil-hwejjeg f'idejhom, dahal go hanut li kien miftuh bil-hgiega imkissra, gew il-pulizija, harab,

grew warajh u nqabad. Innega li hu kisser il-hgiega tal-hanut, u li kisser l-istess hgiega b'turnavit. Qal li hu kien ra turnavit fl-art, blu jew xi kulur skur. Ammetta li hu ha l-flus li kien gol-cash, pero' nnega li hu ha xi hwejjeg minn gol-hanut.

Viva voce Jason Caruana xehed quddiem din il-Qorti. Tista' tghid li kwazi zamm l-istess verzjoni li ta fl-istatement tieghu. Kemm dwar l-ugigh, kemm dwar it-tnejn min-nies li segwa, kemm dwar il-flus li ha, kif ukoll dwar il-fatt li gewwa l-hanut kien ra turnavit b'kulur skur, innega li hu qatt qal li kien blu.

Xehdet ukoll id-derubata Margaret Briffa li stabbiliet li sofriet serq ghal ammont ta' Lm 1768 prezz ta' mija, disgha u sittin bicca hwejjeg (enfazi tal-Qorti) u hsara ammontanti ghal bejn sitt mija u seba' mija u ghoxrin lira Maltin. (Dok MB-MB1 fol 30).

Minn fuq il-persuna ta' Jason Caruana giet elevata s-somma ta' Lm 19.55.

Semghet it-trattazzjonijiet.

Rat in-nota ta' l-abbli partijiet.

Ikkonsidrat

Illi huwa zgur li ex admissis l-akkuzat ammetta serq aggravat bil-hin. Daqstant zgur li gie pruvat li huwa recidiv kif akkuzat. Jibqa' in kwistjoni kemm huwa hati ta' serq aggravat bil-mezz, u bil-valur u tar-reat ta' hsara volontarja. Il-mistoqsija tibqa' jekk ghandhiex tigi

emmnuta l-verzjoni moghtija minn Caruana biex jispjega l-prezenza tieghu fil-hanut Swish dan dejjem anke fid-dawl tal-grad tal-prova li trid tilhaq il-prosekuzzjoni biex tipprova l-kaz minnha propost.

Gie stabbilit li l-hin bejn il-ksur tal-hgieg sal-wasla tal-pulizija fuq il-post kien wiehed qasir ta' minuta u nofs. It-tezi tal-prosekuzzjoni hi li hu kien akkompanjat, jew qed jakkumpanja malviventi ohra. Dak li spjega l-akkuzat gie gia hawn fuq espost. Huwa ferm stramb li l-prosekuzzjoni min-naha taghha ma ressqet ebda prova konkreta tal-qtugh li l-akkuzat allegatament kellu f'idu. Oltre jekk ezistenti prova forensika li tali qtugh sar mal-hgieg fuq il-post derubat. Stramb ukoll il-fatt li l-akkuzat, baqa' fil-fond biex jigbor somma daqshekk negligibbli. Daqstant mhux spjegabbli kif inhargu mill-fond Swish mija disgha u sittin bicciet ta' hwejjeg (ara xhieda ta' Margaret Briffa) fi zmien qasir ta' minuta u nofs, il-hin li ghadda bejn il-hoss tal-ksur tal-hgieg u li nstab Caruana fil-fond mill-pulizija.

Ghaldaqstant wara dan kollu premess wara li rat l-artikolu 261, 270, 281 ( c ), 31, 49, 50 tal-Kap 9, issibu hati ta' l-istess, rat ukoll li hu nghata kull possibilita' legali prevista mill-ligi taht il-Kap 9 u l-Kap 152 biex jirriforma ruhu, tant li anke kien il-beneficcju moghti lilu b'sentenza sospiza. Ghaldaqstant taqta' u tiddeciedi billi tikkundannah ghal sena karcerarja.

Magistrat Dr Miriam Hayman LL. D.